# DAWL FRANĠISKAN

LEĦEN
IL-KAPUĊĊINI MALTIN



# Il-Papiet tal-Ġublewijiet Imqaddsa

NOVEMBRU 2000 • L-GĦOXRIN SENA • GĦADD 204 • NEWSPAPER POST

# Werrej...


EDITORJAL 1
*minn P. Joe Alessandro ofm cap*

RIFLESSJONI U AZZJONI 2
Teleskopju fuq il-Ħajja
*minn P. William Axiaq ofm cap*

BIBBJA 4
Qawmien u Ħajja
*minn P. Donat Spiteri ofm cap*





O. F. S. 6
Il-Ferħ Rigal ta' Alla
*minn P. Frans Abela Giusti ofm cap*

ŻGĦAŻAGĦ FRANĠISKANI 7
Kont hemm għall-Ġublew
*minn Anthony Fitzpatrick*

KENJA 9
Emerġenza
*minn Bro. Joe Vella ofm cap*





ĠUBLEW 2000 11
Il-Papiet tal-Ġublewijiet Imqaddsa
*minn P. Joe Alessandro ofm cap*

KUBA 16
X'Differenza!
*minn P. Philip Cutajar ofm cap*





IT-TWEĠIBA 18
*minn P. William Axiaq ofm cap*

AĦBARIJIET KAPUĊĊINI 19





INTERVISTA 21
P. Pietru Pawl Schembri
*minn Bro. Andrè Azzopardi ofm cap*

NOVELLA 22
Meta l-Orgni ma daqqx
*minn Lina Brockdorff ofs*

IT-TISLIBA 24
*minn P. Wistin Attard ofm cap*

PAĠNA POEŻIJI 24
L-Imħabba Fhur
Xi mkien madwari
*minn Prof. Oliver Friggieri*

VOKAZZJONIJIET Qoxra 3
Ippruvaw u taraw
kemm hu tajjeb il-Mulej
*minn Bro. Dennis Calleja ofm cap*



**DAWL FRANĠISKAN**

**NOVEMBRU 2000**
**L-20 sena**
**Għadd 204**




**Qoxra 1:**
***Il-Papa Ġwanni Pawlu II fuq l-isfond tal-Papiet li fi żmienhom ġie ċċelebrat il-Ġublew***


**BORD EDITORJALI:**
Joe Alessandro ofm cap (Direttur u Editur)
Wistin Attard ofm cap
Frans Abela Giusti ofm cap
Noel Pace
Maria Mercieca ofs
Dorian Holland ofs
Keith Spiteri gi.fra.



**DIREZZJONI U AMMINISTRAZZJONI**
Kunvent tal-Kapuċċini,
Floriana - VLT 14
Tel: 233874/225525/234949
e-mail: ofmcap@keyworld.net
**DISINN:**
IMAGE 2000 Ltd.
**MITBUGĦ:**
P.E.G. Ltd., San Ġwann.



Kull korrispondenza, artikli, kitbiet u ittri biex jidhru fid-DAWL FRANĠISKAN għandhom jiġu indirizzati lill-Editur. Id-Direzzjoni tirriserva d-dritt li tippubblika fid-DAWL FRANĠISKAN dawk l-artikli, ittri jew tagħrif ieħor li jidhrilha li jkunu jaqblu max-xejra tar-rivista.



Ħlas ta' l-Abbonament: Lm 4 fis-sena.
Kull offerta, barra mill-ħlas, hi milqugħa bħala għajnuna għall-Missjoni, li għandha tintbagħat lid-
Direttur
Ċentru Missjoni Kapuċċini
Kunvent tal-Kapuċċini
Floriana - VLT 14

# EDITORJAL

minn
P. Joe ALESSANDRO ofm cap



# IŻ-ŻMIEN

***"Iż-żmien ma jistenna 'l ħadd!"***

Kemm-il darba smajniha u anki għedniha aħna stess din il-frażi! Hija verità sagrosanta. Tista' twaqqaf l-arloġġi kollha li jeżistu, imma xorta waħda ż-żmien jibqa' għaddej.

Kemm saru preparattivi, u xi wħud minnhom minn ħafna żmien qabel, biex niċċelebraw il-bidu tas-sena 2000, il-bidu tat-tielet millennju! L-1 ta' Jannar 2000 għadda, u għadda Jannar kollu u għaddiet kważi din is-sena wkoll.

Qegħdin fix-xahar ta' Novembru, xahar li forsi jġiegħelna nirriflettu ftit aktar mis-soltu fuq iż-żmien tal-ħajja tal-bniedem. U dan minħabba li kemm huwa ix-xahar ta' qabel ta' l-aħħar tas-sena, kif ukoll għax ifakkarna fl-għeżież tagħna li darba kienu magħna u llum mgħadhomx aktar.

Il-ħajja tagħna l-bnedmin hija magħmula minn żmien; min jgħix żmien twil u min jgħix żmien iqsar. Żmien li nafu meta beda iżda ma nafux meta ser jintemm. Żmien li lanqas narawh għaddej. Naraw lill-oħrajn jikbru u jixjieħu, filwaqt li aħna naħsbuna li għadna li konna.

Kważi kulħadd jixtieq li jgħix żmien twil, għax fiż-żmien jara valur, jara l-opportunità li jfassal pjan għal ħajtu. Iż-żmien iservi blex persuna tikber, tiżviluppa, timmatura u tidħol fil-mixja tal-ħajja. Kultant naħsbu li aktar ma wieħed jew waħda jkollhom żmien, aktar ser iwettqu dak li joħolmu u li jixtiequ. Iżda dan mhux bilfors iseħħ. Jista' jagħti l-kas li ż-żmien li jkollna ma nużawhx bl-aħjar mod. Jista' jkun li naħlu fix-xejn parti mhux ħażin taż-żmien li jkollna; jista' jkun li niddedikaw ħafna żmien għal ħwejjeġ ta' ftit importanza, filwaqt li ftit li xejn inħallu ħin għal dawk l-affarijiet li huma tassew importanti, bħalma huma dawk il-ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu ma' Alla, kif ukoll dawk li għandhom x'jaqsmu mar-relazzjonijiet ta' bejnietna l-bnedmin, l-aktar fil-familja.

Fil-bitħa tal-kunvent tagħna ta' Għawdex, ma' wieħed mill-ħitan hemm arloġġ tax-xemx. Taħt dan l-arloġġ hemm kitba bit-Taljan li tgħid hekk:

*Niente sei tu senza Dio;*
*senza sol niente son io,*

li tfisser 'Int m'int xejn mingħajr Alla, hekk kif jien m'jien xejn mingħajr ix-xemx'. Il-Mulej hu kollox fil-ħajja tagħna; hu jagħti sens lill-mixja taż-żmien ta' ħajjitna.

## IŻ-ŻMIEN PREZZJUŻ ... NUŻAWH TAJJEB!

# Teleskopju fuq il-Ħajja



minn P. William AXIAQ ofm cap

Ir-riflessjoni tagħmilna mhux biss persuni misjura imma saħansitra għorrief, u hawn qiegħed kollox fil-ħajja. Tirrendina kapaċi nqabblu l-azzjonijiet tagħna ma' l-ispirtu ta' l-Evanġelju. Hekk se jgħinuna nagħmlu l-ħsibijiet li ġejjin.

## 1 MODESTJA FIL-QUDDIESA TAT-TIEĠ

IL-MODESTJA fl-ilbies kullimkien sabiħa: fil-ħajja privata tagħna, ħdejn xatt il-baħar, fit-triq u f'laqgħat soċjali, imma l-iżjed fil-knisja. Il-qjies fl-ilbies ma għadu kkalkulat xejn fid-dar ta' Alla, speċjalment fil-quddiesa tat-tieġ; s'intendi, mhux qed ngħid għal kulħadd.



Ċerti tfajliet, xebbiet u nisa miżżewġin qed imorru għall-quddiesa tat-tieġ iżjed imneżżgħin milli lebsin. Ċertu lbies lanqas għas-sala tat-tieġ mhu onest, aħseb u ara kemm hu tajjeb għat-tempju ta' Alla!

Xi wħud jirraġunaw li, ġaladarba mill-knisja jridu jmorru għall-għors tas-sala tat-tieġ, ma jistax ikun imorru lebsin mod ieħor għall-quddiesa.

It-talin li qed nitkellem minnhom qegħdin jinsew li r-*reception* tat-tieġ qatt ma tista' tagħti l-jedd lill-persuna li tkun biex tmur liebsa l-knisja kif trid hi, kif ġie ġie.

Kemm hi ħaġa orribbli tara nisa deħlin il-knisja għall-quddiesa tat-tieġ lebsin tassew indeċenti, u qisu mhu qed jiġri xejn. Allaħares min jiġbdilhom l-attenzjoni għax, ħoll xagħrek u ġib iż-żejt, aqta' x'jagħmlulek, aqta' kif iduru għalik!

Ir-retturi ta' ċerti knejjes għalqu għajnejhom wisq fuq l-ilbies ta' ċerti nisa mistednin għat-tieġ. Jgħidulek: "Mhux se noqgħod niġġieled. In-nisa kollha jafu li mhux suppost jidħlu l-knisja mqaċċtin kif qegħdin jidħlu!".

Naħseb li r-retturi tal-knejjes għandu jkollhom ftit mill-klieb li jafu jimbħu, jekk irridu li s-sitwazzjoni tinbidel.

F'dawk il-knejjes fejn min hu responsabbli qed jagħmel għassa raġunata u mimlija mħabba, is-sitwazzjoni hi ferm differenti minn dawk il-knejjes fejn ir-retturi tal-knejjes ħallew ir-riedni għal kollox.

## 2 MITI PERIKOLUŻI



M'ILUX kont qiegħed nitkellem ma' raġel u, b'wiċċu minn quddiem, qalli li għandu l-mara tgħidx kemm tħobb targumenta miegħu u tmerih fil-kwistjonijiet li jinqalgħu bejniethom. Kburi kburi kompla jgħidli li fl-

aħħar sabilha tarfha. Kollu ferħan u bla mistħija ta' xejn żied jgħidli li meta tħaqqaqha miegħu jibda jiġbdilha xi waħda b'Alla ħalli jwaqqafha fil-pront u tħallih kwiet. Bil-mod kif kellimni wrieni li tgħidx kemm iħossu kuntent u rebbieħ li fl-aħħar sab mod kif jagħlqilha ħalqha.

F'Malta u Għawedx, fost ċerti rġiel, teżisti din il-mentalità żbaljata għall-aħħar: id-dagħa wżat bħala tattika u strateġija biex dak li jkun ikun jista' jrażżan lil martu u ma jħallihiex titla' fuq rasu u tifnih bi kliemha. Id-dagħa f'ċirkustanzi bħal dawn huwa meqjus - ara daqsxejn! - bħala ħaġa aċċettabbli u mhux oġġezzjonabbli.

Din il-mentalità, avolja taħdem, hija kiefra u immorali. Ċerti rġiel tant daħħluha f'moħħhom, li jżommu li, la taħdem, għandek tagħmel użu minnha. Għalxejn tgħidilhom li moralment mhumiex mexjin sew, għax xorta waħda jkomplu jagħmlu ta' rashom.

Fil-ħajja ma jistax ikun, u lanqas jaqblilna, insolvu l-iċken problemi li jinqalgħulna b'mezzi illeċiti. Jeżistu rimedji oħra li, meta nagħmlu użu minnhom, intaffu ħafna dak li jdejjaqna u, barra minn hekk, qatt ma noffendu 'l Alla - l-iżjed ħaġa importanti fuq kollox. Imma biex jiġri hekk, l-ewwel u qabel xejn irridu nirbħu ċerta injoranza reliġjuża. Dan jirnexxilna nagħmluh bit-tagħlim u r-riflessjoni fuq il-gravità ta' għemilna.

## 3 RIMI TA' KADAVRI BIL-PULIT?

Alla jħobb ħafna l-opri tal-ħniena, kemm dawk li jmissu l-ġisem, kif ukoll dawk li jmissu r-ruħ. Fost ta' l-ewwel, hemm għemil ta' ħniena li ma tantx nagħtu kasu, diżgrazzjatament. Idoqq hekk: "Idfen il-mejtin". Dwar din l-opra tal-ħniena l-Ktieb ta' Tobija għandu ħafna x'jgħidlna u x'jgħallimna.

Illum il-ġurnata, xi wħud qed iħarsu lejn id-dfin tal-kadavru bħala rimi bil-pulit ta' ġisem mejjet, li ma jiswa għalxejn iżjed. Biex ma ngħidux li qegħdin narmu kadavru, iżjed u iżjed ta' persuna għażiża għalina, u nevitaw li nħossu sens ta' ħtija u rimors li jifnina, id-difna nżejnuha b'ħafna ċerimonji fil-knisja (riti, inċens, ilma imbierek ...) u fiċ-ċimiterju b'talb ieħor u ġesti ripetittivi.

Aħna nsara u nemmnu li l-ġisem, anki mejjet, huwa opra ta' Alla, tempju ta' l-Ispirtu s-Santu fejn għammar b'mod meraviljuż bil-grazzja tiegħu mal-medda ta' ħajjet il-persuna li raqdet fi Kristu. Dan il-ġisem, meta kien għadu ħaj, kemm-il darba ġie midluk biż-żejt tal-katekumeni u tal-griżma. Dan ġara fil-Magħmudija, fil-Griżma ta' l-Isqof u fiċ-ċelebrazzjoni tas-Sagrament tal-Morda. Barra minn hekk, min jaf kemm-il darba laqa' fih il-Ġisem Glorjuż tal-Mulej Ġesù fit-Tqarbin Imqaddes.

Dan ifisser li l-kadavru ta' persuna mejta għandna nirrispettawh ħafna, sakemm jiġi li jindifen. Id-deffiena jridu jittrattawh bil-qima, billi, b'mod ġentili u dekoruż, inizżluh fil-qabar kif jixraqlu u jistħoqqlu. Dan jagħmluh billi jaqilgħu x-xorok kollha tal-qabar u jniżżluh dritt bla ma jkabruh. Id-difna trid it-temp tagħha. Irridu niftakru li dak il-ġisem li qegħdin jidfnu jrid iqum imsebbaħ fl-aħħar jum minn dak il-post tal-mistrieħ sal-qawmien minn bejn l-imwiet, kif il-Griegi, bir-raġun, iħobbu jsejħu ċ-ċimiterju.

• Mulej, ġagħalni nifhem li s-sbuħija vera qiegħda fl-eleganza u l-onestà biex kullimkien, l-aktar fid-dar tiegħek, dejjem nidher liebsa skond ir-rieda tiegħek u mhux skond il-vanità.

• Kristu Ġesù, għallimni nqabbel imġibti mhux ma' l-ideat strambi li jiġuni imma mal-liġi qaddisa tiegħek.

• Mgħallem divin, għallimni nidfen il-mejtin bil-qima, bil-biża' u b'sentimenti ta' karità nisranija.

## Oħtna l-mewt iżżurna



Nhar l-Erbgħa, 13 ta' Settembru 2000, oħtna l-mewt żaret lil **Carmelo Axiak**, missier Ħuna P. William Axiaq OFM Cap. fl-età ta' 80 sena. Il-funeral tiegħu sar l-għada, il-Ħamis, 14 ta' Settembru, fis-santwarju tal-Madonna tal-Grazzja, Ħaż-Żabbar. Ħafna mill-Aħwa Kapuċċini attendew għall-funeral flimkien ma' għadd ta' saċerdoti oħra u ħbieb tal-familja. Il-Quddiesa Konċelebrata ġiet immexxija mill-Provinċjal, P. Crispin Tabone OFM Cap., u l-omelija għamilha l-istess P. William. Filwaqt li lil dan ħuna Carmelo nitolbu għalih biex il-Mulej idaħħlu fil-mistrieħ ta' dejjem, nagħtu l-għomor lil Ħuna P. William, lill-għażiża ommu u lill-familjari l-oħra tiegħu, u nwegħduhom it-talb tagħna. R.I.P.

# Qawmien u Ħajja

minn P. Donat SPITERI ofm cap



*"Jiena hu l-qawmien u l-ħajja. Kull min jemmen fija, ukoll jekk imut, jgħix; u kull min jgħix u jemmen fija, dan ma jmut qatt. Temmnu inti dan?"*
*(Ġw 11, 25-25)*

DIN il-kelma b'affermazzjoni kuraġġuża Ġesù qalha lil Marta, li kienet imnikkta u mbikkija minħabba l-mewt ta' ħuha Lazzru. Biha ried ifarraġha bil-kundizzjoni li hi kienet lesta biex temminha. Biha Ġesù wrieha - u juri lilna wkoll - min hu u xi jfisser għalina.

"Jiena hu." Din l-affermazzjoni nsibuha ħafna drabi fuq il-fomm ta' Ġesù fl-Evanġelju ta' San Ġwann (4, 26; 6, 20; 8, 24. 28. 58; 13, 19; 18, 5). Biha Ġesù kien jippreżenta lilu nnifsu lid-dixxipli tiegħu u lil-Lhud ta' żmienu biex jgħarrafhom min kien tassew. Biha fehem jistedinhom biex jagħrfuh u jemmnu fih ħalli bih ikollhom il-ħajja tassew. Hekk fehem jagħmel bl-istqarrija tiegħu lil Marta.

Ġesù hu "l-qawmien". Nifhmuha, il-qawmien mill-mewt. Din hi referenza għall-qawmien tiegħu nnifsu mill-mewt li kien se jġarrab f'Ġerusalemm. Hi profezija għal dak li kien se jgħaddi mingħalih ftit żmien ieħor wara l-istorja ta' Lazzru (jekk noqogħdu letteralment għall-kostruzzjoni ta' din l-istorja fir-raba' Evanġelju). Kienet ukoll tħabbira għall-miraklu li Ġesù kien fi ħsiebu jagħmel dak il-ħin stess bil-qawmien ta' Lazzru mill-mewt.

Fl-istess ħin din il-kelma ta' Ġesù, kif ukoll il-miraklu tal-qawmien ta' Lazzru, huma rivelazzjoni kbira għalina: ixandrilna li aħna wkoll, li nemmnu fi Kristu Ġesù, għad inqumu mill-mewt tagħna wkoll - bih, miegħu u fih.

Ġesù hu "l-ħajja". Hu l-ħajja għax hu l-qawmien mill-mewt għall-ħajja. Biex inqumu, irridu "norqdu" l-ewwel, bħal Lazzru, jiġifieri, immutu (Ġw 11, 11). Hemm żewġ kwalitajiet ta' mwiet; il-mewt tar-ruħ bl-istat tad-dnub, u l-mewt tal-ġisem fi tmiem il-ħajja. Ġesù hu l-ħajja tagħna skond dawn iż-żewġ aspetti wkoll. Hekk nistgħu ngħidu li Ġesù hu l-ħajja tagħna doppjament sew għax jeħlisna mill-mewt tad-dnub u sew għax iqajjimna għall-ħajja mill-mewt tal-ġisem.

Mill-mewt għall-ħajja. L-ewwel mill-mewt tad-dnub għall-ħajja tal-grazzja fl-għaqda ma' Ġesù Kristu. "Hekk ukoll intom għandkom tqisu lilkom infuskom mejtin għad-dnub, iżda ħajjin għal Alla fi Kristu Ġesù" (Rum 8, 11). Imbagħad, meta jasal il-waqt, ngħaddu wkoll mill-mewt tal-ġisem għall-ħajja ta' dejjem. "Jekk aħna nemmnu li Ġesù miet u qam mill-imwiet, hekk ukoll Alla

jiġbor miegħu lil dawk li raqdu f'Ġesù" (1 Tess 4, 14). "Jekk aħna mitna miegħu, għad ngħixu miegħu wkoll" (2 Tim 2, 11).

Imma l-ħajja fi Kristu mhijiex doppja. Hi l-istess waħda fiż-żewġ aspetti tagħha, ta' issa u ta' li ġej. Fil-Bibbja tissejjaħ "il-ħajja ta' dejjem", l-aktar fl-Evanġelju ta' San Ġwann (3, 15. 16. 36; 4, 14; 5, 24; 6, 40. 47; 12, 25, 17, 2). Hi l-ħajja ta' dejjem għax hi l-ħajja ta' Alla, li hu għal dejjem ta' dejjem; hi l-ħajja tiegħu li Alla fi tjubitu jogħġbu jagħtina sehem fiha (2 Pt 1, 4). Minnha nnifisha hi ta' dejjem u tibqa' għal dejjem, hi "ħajja eterna".

Imma mhijiex eterna għaliex, kif naħsbu ġeneralment, hi tas-sema biss. Le, hi ta' din l-art ukoll. Tibda f'din l-art bl-għaqda tagħna ma' Ġesù Kristu, li hu l-ħajja tagħna, u titkompla fil-ħajja ta' wara din bis-sehem tagħna fil-glorja miegħu. Il-passaġġ tagħna b'dik li nsejħulha mewt ma jkunx proprjament mill-mewt għall-ħajja, iżda minn ħajja għal ħajja, li fi Kristu Ġesù tingħatalna fl-art u titkompla wara t-tluq tagħna minn din l-art fil-glorja tas-sema.


*Affresk ta' Giotto: Il-Qawmien ta' Lazzru - Marta u Marija f'riġlejn Ġesù u żewġ dixxipli qed iħollu l-faxex, wieħed minnhom b'nifsejh mgħottija.*

Il-ħajja ta' dejjem hi realtà preżenti, hawn f'din l-art u issa. Din hi l-kelma ta' Ġesù: "Min jemmen fl-Iben għandu l-ħajja ta' dejjem" (Ġw 3, 36). Tibda minn din l-art f'din il-ħajja u titkompla fil-ħajja l-oħra.

Dan hu mfisser bi kliem ċar u sabiħ fil-Prefazju tal-quddiesa tal-mejtin: "Għal dawk li jemmnu fik, Mulej, il-ħajja ma tintemmx, imma tinbidel, u, mal-mewt tal-ġisem fuq din l-art, titħejja għalina għamara għal dejjem fis-sema."

Kliem li jfisser il-kliem ta' Ġesù lil Marta. Kliem ta' tama u faraġ għalina. "Għad li mnikktin għax nafu li għandna mmutu, nitfarrġu bil-wegħda ta' ħajja oħra li ma tintemm qatt." ❑





## ITTRA TA' PAWLU LILL-MALTIN TA' LLUM

Publikazzjoni ġdida minn **P. William Axiaq OFM Cap.**

F'din il-kitba, P. William jibni l-ħsieb ewlieni tad-diskors tiegħu, imlissen minn fuq il-pulptu tal-Knisja Kolleġġjata Parrokkjali ta' San Pawl Nawfragu, il-Belt Valletta, nhar l-10 ta' Frar 2000, festa ta' San Pawl, fuq is-silta ta' L-Appostlu lil Timotju: "Xi wħud, għax ħallew il-kuxjenza, tfarrku fil-fidi" (1 Tim 1, 19).

P. William Axiaq jidħol fis-sitwazzjoni politika, kulturali, soċjali u ekkleżjali attwali tal-gżejjer Maltin u jistieden lill-Maltin kollha, huma min huma, sabiex jagħmlu eżami serju ta' kuxjenza u jaraw kemm qegħdin jagħtu sehemhom biex il-fidi li xettel San Pawl fostna tibqa' ħajja, rilevanti u soda f'pajjiżna llum.

Dan il-ktieb ta' 64 paġna huwa pubblikazzjoni tal-Provinċja Kapuċċina Maltija, u jinsab għall-bejgħ fl-Uffiċċju Missjoni Kapuċċini, Floriana, u fil-libreriji ewlenien għall-prezz ta' LM1.50ċ



# Qlub ferħana dejjem!

*minn P. Frans Abela Giusti ofm cap.*

# IL-FERĦ Rigal ta' Alla

## L-EWWEL PARTI

ALLA ħalaq il-bniedem fuq xbihetu u għamlu ruħ ħajja u ferħana. Kien id-dnub li fired il-bniedem minn Alla, għajn ta' ħajja u ferħ, u daħħal fid-dinja l-mewt u n-niket. Imma Ġesù reġa' għaqqad il-bniedem ma' Alla u fetaħlu mill-ġdid l-għajn ta' ħajja u ferħ. "Għedtilkom dan biex il-ferħ tiegħi jkun fikom, u biex il-ferħ tagħkom ikun sħiħ" (Ġw 15, 11). Issa, il-ferħ, barra milli hu frott il-fidwa miksuba minn Kristu, hu wkoll rigal ta' l-Ispirtu s-Santu li, bis-saħħa tiegħu fil-Magħmudija, jinżergħu fir-ruħ il-fidi, it-tama u l-imħabba li jagħmluna wlied Alla u werrieta ma' Ġesù fil-hena ta' dejjem (ara Rum 8, 16-17). Għalina l-insara, it-tiġrib tal-ħajja mhux talli ma jnaqqrilniex il-ferħ, iżda, billi hu jseħibna fit-tbatijiet ta' Kristu, iżjed ikattarhulna, għax konvinti li għad nifirħu u nithennew fid-dehra tal-glorja ta' Kristu (ara 1 Pt 4, 13). Ta' l-istess fehma hu San Ġakbu: "Hutl, għoddu kollox b'ferħ meta tħabbtu wiċċkom ma' kull xorta ta' tiġrib, għax it-tiġrib tagħkom inissel is-sabar" (Ġk 1, 2). It-tama f'ħajja oħra ta' hena bla tmiem tgħin lin-nisrani jgħix kalm u ferħan anke waqt it-tiġrib u t-tbatija, filwaqt li x-xhieda li jagħti ta' ħajja ferħana jinduna biha kulħadd. Kliem San Pawl hu prova ta' dan: "Ifirħu dejjem fil-Mulej; il-ħlewwa tagħkom, ħa jkunu jafuha l-bnedmin kollha (Fil 4, 4-5).



### IL-FERĦ SKOND SAN FRANĠISK

Id-djalogu bejn San Franġisk u Fra Leone hu waħda mill-isbaħ paġni fil-letteratura franġiskana. Araw u duqu xi ħlewwa ta' taħdita bejn żewġt' iqlub! Darba waħda, meta Franġisku kien f'Santa Marija ta' l-Anġli, talab lil Fra Leone jikteb dwar liema hu l-veru ferħ. U qallu: "Jekk xi ħadd itarraffli li l-għalliema kollha ta' Pariġi daħlu fl-Ordni, jew jekk jiġi xi ħadd jgħidli li l-prelati (l-arċisqfijiet u l-isqfijiet) kollha tan-naħa l-oħra ta' l-Alpi, u saħansitra s-salten kollha ta' Franza u ta' l-Ingilterra wkoll daħlu fl-Ordni; jew li l-aħwa tiegħi dawwru għall-fidi lil dawk kollha li ma jemmnux, jew li jien għandi l-grazzja li nfejjaq lill-morda jew li nagħmel il-mirakli ..., ngħidlek li f'dawn il-ħwejjeġ kollha ta' l-għaġeb ma jinstabx il-veru ferħ. Mela ħa ngħidlek x'inhu l-ferħ veru.

*Ikompli f'paġna 8 ...*




# Kont hemm għall-Ġublew taż-Żgħażagħ

minn Anthony Fitzpatrick Gi.Fra.

"Fikom hi t-tama tat-Tielet Millenju!" Hekk qal il-Papa f'Tor Vergata waqt il-Velja tad-19 t'Awissu 2000.

F'temp imsaħħab bit-taqtir tax-xita wasalna fl-ajruport ta' Fiumicino kmieni wara nofs in-nhar, il-Ħadd 13 ta' Awissu. Konna alloġġjati fil-parroċċa ta' Santa Rita f'Tor Bella Monaca, fi skola li tiġi eżatt mal-Knisja.

Biex inkun sinċier, ħadt daqsxejn ta' qatgħa meta ssib skola żdingata u mimlija trab u għanqbut, u int trid torqod fl-art. Insomma, il-grupp ta' ħamsa li konna aħna iddeċidejna li, kollox ma' kollox, din kellha tkun ġimgħa li tajjeb jew ħażin tgħaddi. Konna fil-kamra ħmistax b'kollox; l-oħrajn kienu mill-Olanda, u grupp ta' 3 mir-Repubblika Ċeka, li bqajna nikkorrispondu magħhom. Meta urejnihom fejn hi Malta fuq il-mappa, dawn riedu jkunu jafu kif nilagħbu l-ballun u ma jaqax il-baħar!

Nistgħu ngħidu li Ruma kienet invażata b'aktar minn żewġ miljun żagħżugħ u żagħżugħa mexjin ma' kullimkien. Kull fejn tħares u kull fejn tmur tara biss żgħażagħ mexjin, kollha bil-*fisherman's cap* u bil-basket tal-pellegrin li tawna hekk kif wasalna Ruma. Kullimkien kont issib ukoll nies lebsin bil-blu, li, bejnietna l-Maltin, konna nsibuhom il-bluni. Dawn ma kienu ħadd għajr il-voluntieri tal-Ġublew li kienu jammontaw 'l fuq minn 25,000, u kont issibhom fit-toroq, iqassmu l-ikel fejn konna alloġġjati. Insomma, tħares fejn tħares, issib lill-bluni!

Bil-lingwi differenti minn għadd ta' nazzjonijiet konna ningħaqdu ħafna bil-kant. Fuq tal-linja konna nitilgħu xi 150 ruħ; kulħadd jgħaffeġ u jkanta.

Għall-ikel ridna nkunu gruppi ta' sitta u la aktar u lanqas inqas. Kellna biċċa mixja biex immorru nieklu. F'nofsinhar kien ikollna għaġin, ħobż u xi supprissat, perżut eċċ ... flimkien mad-deżerta. Meta konna mmorru filgħaxija kien ikollna wkoll għaġin, laħam u ħobż, kif ukoll deżerta. Magħna kienu jagħtuna kaxxa żgħira bil-*breakfast* għal filgħodu: kien ikollna *crossaint* żgħir, żewġ biskuttelli u pakkett *ice tea*.

*Fuq: Anthony Fitzpatrick li għadu kemm inħatar President tal Gi.Fra. Floriana.*



It-Tlieta filgħodu kien hemm quddiesa ta' merħba minn kull kappillan f'kull parroċċa, u wara nofs inhar morna fi Pjazza San Pietru għall-bidu tal-laqgħa tal-Ġublew. Kienet laqgħa entużjasta ħafna, kemm fi Pjazza San Pietru, kif ukoll fil-Lateran, għaliex minħabba li konna eluf ta' nies it-Taljani nġabru fil-Lateran.

L-Erbgħa morna għall-quddiesa f'Circo Massimo, u wara għamilna l-pellegrinaġġ biex għaddejna mill-Bieb Imqaddes. Bil-bandiera Maltija f'idejna, ma tantx Iltqajna ma' Maltin ħlief f'din il-ġurnata li ltqajna ma' grupp ta' Dumnikani Maltin. Kien ukoll ta' ferħ għalija li waqt il-quddiesa f'Circo Massimo kien hemm ukoll żgħażagħ Franġiskani minn Provinċji oħrajn, l-aktar Taljani.

Il-Ħamis u l-Ġimgħa kellna l-Katekeżi filgħodu, u wara komplejna bil-pelleġinaġġ lejn il-Bażiliċi f'Ruma.

Is-Sibt kellna quddiesa ta' tislima u wara bdejna l-pellegrinaġġ it-twil lejn Tor Vergata. Fi triqtna tawna kaxxa bl-ikel għal jumejn. Il-vjaġġ waħdu, fis-sagħtejn ta' wara nofsinhar, kien diġà iebes biżżejjed f'dik il-*heat wave*, u b'dik il-kaxxa f'idejna u żewġt ifliexken ilma ta' litru tistgħu taħsbu x'baqa' fina. Wasalna fuq il-*campus* ta' Tor Vergata tliet sigħat wara li tlaqna - maħlubin! Armajna kamp biex nistkennu mix-xemx u norqdu, u kif lestejna dan il-kamp tar b'kollox. Kien kamp armat b'bandiera Maltija kbira li tellajt miegħi miċ-Ċentru biex forsi nidhru fuq it-televiżjoni! Kellna nikkuntentaw billi nsibu siġra u nduru mad-dell tagħha! Kull sagħtejn kienu jiġu jnaddfu l-24,000 *toilet* li kien hemm armati f'Tor Vergata. Il-velja bdiet fit-8:00pm u lestejna għall-irqad f'xi l-11:30pm.



*Il-grupp ta' ħames żgħażagħ Maltin li kienu preżenti għall-Ġublew.*



Kieku ppruvajna norqdu, u rqadna, imma ċerti gruppi baqgħu jkantaw il-lejl kollu. Dak il-ħin ma faħħarniex 'l Alla għad-don li tahom! Tlaqna lura wara l-quddiesa tal-Ħadd filgħodu, u filgħaxija rqadna f'Dar Santa Monika, fil-Belt tal-Vatikan. Xtaqna nieħdu ritratt taħt it-tribuna, u wara li qbiżna l-barrikati, biex dħalna, ġew għalina l-pulizija, u dan ir-ritratt ma ġiex!

Insomma, kien wasal it-tmien, u t-Tnejn filgħodu, ma' għadd ta' Maltin oħra, ġejna lura. Konna drajna norqdu fl-art u nieklu f'nofs ta' triq, u sibna rwieħna strambi nerggħu lura għall-ħajja normali!

Illum, li baqa' biss memorji u ritratti, irrodd ħajr lil Alla għal din l-opportunità li nkun Ruma fil-Ġublew taż-Żgħażagħ. ❑

*Ikompli minn paġna 6*

## IL-FERĦ
## *Rigal ta' Alla*

Inkun ġej lura minn Peruġja u nasal hawn (Assisi) fl-għeqqel ta' lejl xitwi, l-art iffriżata u s-silġ bil-ponot iħabbat ma' riġlejja li joħroġli d-demm, u nħabbat il-bieb, u minn ġewwa iweġbuni bl-herra u bla ħniena avolja nkun għedt min jien, ħuhom Franġisku, u mhux talli ma jilqgħunix u ma jdaħħlunix ġewwa, imma saħansitra jibagħtuni nħabbat bieb il-Kruċifri. Tajjeb! Ngħidlek is-sewwa li, jekk f'ċirkustanzi bħal dawn inżomm is-sabar u ma nħallihx jitlagħli, f'dan kollu hemm il-ferħ veru u l-virtù vera." Dan l-innu lill-ferħ imsawwar minn Franġisku hu, biex ngħid hekk, tewmi ma' l-għanja ta' l-imħabba li nsibu f'San Pawl (ara Kor 13). Tant huma midħla ta' xulxin li donnhom jitħabblu f'xulxin għax huma sintonizzati fuq l-istess korda. Ma jistax ikollok ferħ veru mingħajr ma jkollok l-imħabba, u meta din hi sinċiera, ma tistax ma tkunx ferriħija.

X'ma joħroġx spontanju minn fomm Franġisku u x'ma jiżbroffax minn qalbu mimlija hena, il-Kantiku jew l-Għanja tal-Ħlejjaq meta fil-ħlejjaq kien jara r-rifless tat-tjubija u tas-sbuħija ta' Alla! Mitluq għal kollox f'dirgħajn Alla l-Missier b'imħabba ta' iben rispettuż, kien iħossu komdu u għalhekk seren, kalm u ferħan anke waqt it-tiġrib u l-mard li kien iħosshom iwaħħduh ma' Kristu Msallab. Minn din l-għajn ta' Kristu miġruħ tnixxi l-ferħ li kien jixrob hu, u kien jisħaq ma' wliedu li jkunu dejjem ferħanin fil-Mulej u bix-xieraq ħelwin ma' kulħadd (ara II Celano).

*Ikompli f'ħarġ'oħra .*

# EMERĠENZA



***Daqs sentejn ilu ħafna pajjiżi tad-dinja ġew maħkuma mill-El Nino. Dan kien maltemp kbir matul diversi ġranet bi kwantità kbira ta' xita. L-Afrika wkoll ġiet maħkuma minn dan il-maltemp. Fid-Djoċesi ta' Garissa, l-irħula u l-villaġġi tagħha sofrew danni kbar kemm fir-raba' kif ukoll fil-bhejjem u d-djar.***

*minn* ***Bro. Joe VELLA*** *ofm cap*

AĦNA, li konna fil-Kenja f'dan iż-żmien, rajna b'għajnejna d-disastri li ħalla warajh dan il-maltemp. L-akbar inkonvenjent kien illi in-nies ġew *displaced*, kellhom iħallu d-djar u l-villaġġi tagħħom u jmorru f'postijiet aktar filgħoli fejn l-ilma ma jilħaqx.

Minħabba f'hekk tilfu d-djar tagħħom li huma mibnija bit-tajn, u ħwejjiġhom li ħallew warajhom. Din il-ħaġa kkawżat ukoll problemi ta' mard, billi kien hemm nuqqas ta' ilma tajjeb għax-xorb u nuqqas ta' fejn wieħed jinqeda fil-bżonnijiet iġeniċi tiegħu ta' kuljum. Il-kwantità ta' ilma, barra li għarraq il-villaġġi, tħallat mad-dranaġġ u għalhekk kien ilma infettiv mhux biss għan-nies iżda wkoll, u iżjed għall-annimali, tant li faqqgħet il-kolera u ħalliet diversi vittmi.

F'sitwazzjoni bħal din il-missjunarju ħass li għandu jkun minn ta' l-ewwel li jara kif jgħin konkretament lil dawn in-nies. L-Isqof ta' Garissa, Mons. Pawlu Darmanin ofm cap., ra kif għamel u kkuntattja xi aġenziji internazzjonali biex jagħtuh għajnuna finanzjarja f'din l-emerġenza. Anke minn Malta waslet għajnuna għal dan il-għan. Biex stajna nagħtu priorità lil din is-sitwazzjoni kellna nwaqqfu proġetti oħra ta' saħħa li kienu għaddejjin, bħalma hu ċ-*Child servival programme*, u nikkonċentraw l-enerġija u l-finanzi għal din is-sitwazzjoni ġdida.

F'dawn il-programmi ta' qabel jien kont nassisti lil Fr. Tom Hogan li kien responsabbli minn dawn il-proġetti mferrxin mad-djoċesi kollha. Jien kont qed nieħu ħsieb tliet zoni li jagħmlu ma' Garissa.





*Makkinarju mħaddem bl-idejn biex titħaffer "bore-hole" li fuqha tinbena l-pompa ta' l-ilma. Fuq jidher il-kumitat waqt laqgħa qabel beda x-xogħol ta' tħaffir.*

Bħala l-ewwel għajnuna qassamna ikel: qamħirrun, żejt u fażola. Fl-istess ħin bdejna naħsbu kif ser ngħinu lin-nies jerġgħu lura lejn il-villaġġi tagħhom hekk kif l-ilma jinxef. Ħsibna li ngħinuhom bi tliet ħwejjeġ.

L-ewwel u l-aktar ħaġa meħtieġa għalihom kienet li jkollhom mill-ġdid dar fejn joqogħdu, jiġifieri kamra mdaqqsa tat-tajn u zkuk tas-siġar fejn ikunu jistgħu jistkennu mis-sħana tax-xemx u fejn jorqdu mingħajr periklu ta' xi annimali selvaġġi, u fejn ipoġġu l-ftit ħwejjeġ li kellhom. L-għajnuna tagħna kienet tikkonsisti filli nħallsulhom is-saqaf tad-dar li jkun magħmul minn ħaxix u weraq (jgħidulu *marara*) għal tapposta li jilqa' kemm ix-xemx kif ukoll ix-xita, u fl-istess ħin iżomm il-kamra friska.

It-tieni mod li ħsiebna li ngħinuhom fi ħtieġa essenzjali oħra kien li nħaffrulhom bjar ġodda ħalli jkollhom ilma tajjeb għax-xorb u għat-tisjir. Dan kien proġett kbir li jinkludi fih diversi nies, kemm esperti kif ukoll ħaddiema ta' l id. Għal dan il proġett jien kont responsabbli mhux biss mill-istazzjon ta' Garissa, iżda mill-istazzjonijiet tad-djoċesi mferrxin matul ix-xmara Tana, li taqsam kważi nofs id-djoċesi ta' Garissa. Dan il-proġett kien jikkonsisti filli jitħaffru bjar. Il-bir jitħaffer bħal *bore hole* b'makkinarju mħaddem bl-idejn u li jinżel fond ta' xi erbgħin pied. Imbagħad jitniżżel *pipe* tan-nofs pied sa isfel u fuq titwaħħal pompa ta' l-idejn biex in-nies tal-villaġġ ikunu jistgħu jtellgħu l-ilma kull meta jkollhom bżonn. F'din l-aħħar sena u nofs tħaffru mas-sittin bir u tlestew bil-pompa b'kollox. L-ispejjeż tal-materjal kien kollu pprovdut mill-Missjoni ta' Garissa, filwaqt li x-xogħol ta' l-idejn sar min-nies ta' villaġġ rispettiv b'mod volontarju taħt l-iskema ta' *Community Contribution*. In-nies ta' kull villaġġ ġew involuti mhux biss biex jagħtu s-sehem tagħhom iżda wkoll biex iħossu li hija xi ħaġa tagħhom; li ħadmu għaliha, u li allura jkunu jistgħu jieħdu ħsiebha u jagħmlulha l-manutenzjoni meħtieġa ħalli tkompli tiffunzjona u taqdihom. Ma' dan wieħed ma jistax iħalli barra it-taħriġ li ingħata lin-nies, l-aktar lin-nisa (għax huma l-aktar li jagħmlu użu minnha), biex ikunu kapaċi jżarmawha ħalli jnaddfuha u jerġgħu jarmawha. Dan ix-xogħol kollu seta' jsir b'koordinament ma' dawk responsabbli mill-villaġġ. Fil-fatt, qabel beda it-tħaffir, inħolqu kumitati apposta magħżula minn fost il-komunità tal-villagg stess.

It-tielet ħtieġa li rajna kienet dik marbuta ma' l-iġene. F'dawn il-villaġġi d-djar m'għandhomx *toilet* għal kull waħda minnhom, iżda *toilets* komuni. Allura tajna bidu biex nibnu mill-ġdid dawn it-*toilets*, li b'kollox jammontaw għal madwar 300 wieħed imqassmin f'ħafna villaġġi. F'dan il-proġett, in-nies tal-villaġġ jieħdu ħsieb iħaffru ħofra kbira fl-art. Dan ikun is-sehem tagħhom. Aħna mbagħad nieħdu ħsieb ngħattu din il-ħofra bi *slab* tal-konkrit bl-ispejjeż tagħna. Huma mbagħad itellgħu l-ġnub tat-*toilet* bi zkuk miksija bil-ħamrija u aħna fl-aħħar nieħdu ħsieb u nħallsu is-saqaf.

Għalkemm dawn huma proġetti żgħar, jekk wieħed iqabbilhom ma' proġetti ta' bini f'Malta, imma għan-nies tagħna huma l-aktar affarijiet meħtieġa u mibnija skond l-użanzi tagħhom.

Hawn, bħal fl-Afrika kollha, żminijiet ta' emerġenza qatt ma jonqsu, iżda l-Mulej dejjem jipprovdi għajnuna f'waqtha u nies b'qalb ġeneruża. ❑

***In-nies tal-villaġġ iħossu li l-pompa hija tagħhom għax ħadmu fiha. Barra milli jużawha, huma jieħdu ħsieb ukoll il-manutenzjoni tagħha.***



# Il-Papiet tal-Ġublewijiet Imqaddsa

*minn P. Joe Alessandro OFMCap.*

Qegħdin noqorbu lejn it-tmiem ta' din is-sena li fiha qed niċċelebraw, bħala nsara, il-Ġublew Imqaddes tat-Twelid ta' Sidna Ġesù Kristu. F'kull ħarġa ta' din ir-rivista, matul din is-sena, iddedikajna diversi paġni fuq dan il-Ġublew il-Kbir. Fost ħwejjeġ oħra rajna l-oriġni, it-tifsira u l-għan tal-Ġublew. Issa tajjeb li nkunu nafu wkoll kemm saru minn dawn il-Ġublewijiet matul il-medda taż-żmien fl-istorja tal-Knisja, u taħt liema Papiet ġew iċċelebrati. Flimkien max-xbieha ta' kull Papa, qed nirriproduċu l-istemmi tagħhom, kif ukoll b'liema bolli (digrieti) - meta kien hemm - dawn il-Ġublewijiet ġew imniedin.

L-ewwel Ġublew beda fl-1 ta' Jannar 1300, meta folol ta' nies inġabru fil-Bażilka ta' San Pietru, peress li kienet xterdet l-aħbar li f'dik il-ġurnata setgħet tintrebat indulġenza li permezz tagħha il-fidili jerġgħu jitħabbu ma' Alla wara li jinħafrulhom dnubiethom. Il-Papa Bonifaċju VIII baqa' mistagħġeb bil-kwantità ta' nies u bil-fidi li biha ġew u baqgħu jiffullaw il-bażilka fil-ġranet ta' wara. Għalhekk, f'din l-istess sena, fit-22 ta' Frar, Festa tal-Kattedra ta' San Pietru, huwa nieda l-Ewwel Ġublew bil-bolla li ġġib l-isem ta' *"Privilegium"*.

Is-Sena Mqaddsa ta' l-1300 ħalliet impressjoni kbira fuq kulħadd, u kienet il-bidu ta' Ġublewijiet oħra li ġew iċċelebrati minn dak inhar sa żminijietna.

**BONIFAĊJU VIII**
**1294-1303**



*L-1 ĠUBLEW*
*1300*



Ġie mniedi bil-bolla *"Privilegium"* tat-22 ta' Frar, 1300.

**KLEMENT VI**
**1342-1352**



*IT-2 ĠUBLEW*
*1350*



Ġie mniedi bil-bolla *"Unigenitus Dei Filius"* tat-23 ta' Jannar, 1343.

**URBANU VI**
**1378-1389**



*IT-3 ĠUBLEW*
*1390*



Ġie mniedi bil-bolla *"Salvator noster Dominus"* tal-21 t'April, 1383.

## BONIFAĊJU IX
## 1389-1404





***IR-4 ĠUBLEW***
***1400***

Ma ġie mniedi b'ebda bolla.

## MARTINU V
## 1417-1431





***IL-5 ĠUBLEW***
***1423***

Ma ġie mniedi b'ebda bolla.

## NIKOLA V
## 1447-1455





***IS-6 ĠUBLEW***
***1450***

Ġie mniedi bil-bolla *"Immensa et innumerabilia"* tad-29 ta' Jannar, 1449.

## SISTU IV
## 1471-1484





***IS-7 ĠUBLEW***
***1475***

Ġie mniedi bil-bolla *"Salvator noster Dei Filius"* tas-26 ta' Marzu, 1472.

## ALESSANDRO VI
## 1492-1503





***IT-8 ĠUBLEW***
***1500***

Ġie mniedi bil-bolla *"Consueverunt Romani Pontifices"*.

## KLEMENT VII
## 1523-1534





***ID-9 ĠUBLEW***
***1525***

Ma ġie mniedi b'ebda bolla.

## ĠULJU III
## 1550-1555



***L-10 ĠUBLEW 1550***



Ġie mniedi bil-bolla *"Si pastores ovium"* ta' l-24 ta' Frar, 1550.

## GREGORJU XIII
## 1572-1585



***IL-11-IL ĠUBLEW 1575***



Ġie mniedi bil-bolla *"Dominus ac Redemptor"* fl-1574, fil-Festa ta' Tlugħ il-Mulej fis-Sema.

## KLEMENT VIII
## 1592-1605



***IT-12-IL ĠUBLEW 1600***



Ġie mniedi bil-bolla *"Annus Domini placabilis"* tad-19 ta' Mejju, 1599.

## URBANU VIII
## 1623-1644



***IT-13-IL ĠUBLEW 1625***



Ġie mniedi bil-bolla *"Omnes gentes plaudite manibus"* tad-29 ta' April, 1624.

## INNOĊENZ X
## 1644-1655



***L-14-IL ĠUBLEW 1650***



Ġie mniedi bil-bolla *"Appropinquat, dilectissimi filii"* ta' l-4 ta' Mejju, 1649.

## KLEMENT X
## 1670-1676



***IL-15-IL ĠUBLEW 1675***



Ġie mniedi bil-bolla *"Ad Apostolicae vocis oraculum"* tas-16 ta' April, 1674.

## INNOĊENZ XII 1691-1700
## KLEMENT XI 1700-1721



*IS-16-IL ĠUBLEW 1700*



Ġie mniedi bil-bolla *"Regi saeculorum"* tal-15 ta' Mejju, 1699.

## BENEDITTU XIII
## 1724-1730



*IS-17-IL ĠUBLEW 1725*



Ġie mniedi bil-bolla *"Redemptor et Dominus noster"* tas-26 ta' Ġunju, 1724.

## BENEDITTU XIV
## 1740-1758



*IT-18-IL ĠUBLEW 1750*



Ġie mniedi bil-bolla *"Peregrinantes a Domino"* tal-5 ta' Mejju, 1749.

## KLEMENT XIV 1769-1774
## PIJU VI 1775-1799



*ID-19-IL ĠUBLEW 1775*



Ġie mniedi bil-bolla *"Salutis nostrae auctor"* tat-30 ta' April, 1774.

## LJUN XII
## 1823-1829



*L-20 ĠUBLEW 1825*



Ġie mniedi bil-bolla *"Quod hoc inuente saeculo"* tal-24 ta' Mejju, 1824.

## PIJU IX
## 1846-1878



*IL-21 ĠUBLEW 1875*



Ġie mniedi bil-bolla *"Gravibus ecclesiae et huius saeculi calamitatibus"* tal-24 ta' Diċembru, 1874.

**LJUN XIII**
**1878-1903**





***IT-22 ĠUBLEW***
***1900***

Ġie mniedi bil-bolla *"Properante ad exitum"* tal-11 ta' Mejju, 1899.

**PIJU XI**
**1922-1939**





***IT-23 ĠUBLEW***
***1925***

Ġie mniedi bil-bolla *"Infinita Dei misericordia"* tad-29 ta' Mejju, 1924.

**PIJU XII**
**1939-1958**





***L-24 ĠUBLEW***
***1950***

Ġie mniedi bil-bolla *"Iubilaeum maximum"* tas-26 ta' Mejju, 1949.

**PAWLU VI**
**1963-1978**





***IL-25 ĠUBLEW***
***1975***

Ġie mniedi bil-bolla *"Apostolorum limina"* tat-23 ta' Mejju, 1974.

**ĠWANNI PAWLU II**
**1978-**



***IS-26 ĠUBLEW***
***(Ġublew Straordinarju tal-Fidwa) 1983***

Ġie mniedi bil-bolla *"Aperite portas Redemptori"* tas-6 ta' Jannar, 1983.





***IS-27 ĠUBLEW***
***2000***

Ġie mniedi bil-bolla *"Incarnationis Mysterium"* tad-29 ta' Novembru, 1998.

# X'DIFFERENZA!

minn P. Philip Cutajar ofm cap

IT-TIENI PARTI



## IL-FQAR ISSIBUHOM MAGĦKOM KULJUM

Hekk qal Ġesù għar-reazzjoni ta' Ġuda
meta Marija, oħt Lazzru,
dilkitlu riġlejh bil-fwieħa
li r-riħa tagħha mliet id-dar (Ġw. 12,8).
U din hija u tibqa' verità.
Għaddew elfejn sena.
Dħalna fit-tielet millenju.
U l-fqar għadna nsibuhom magħna kuljum
kemm f'Malta u f'Għawdex ...
... kif ukoll f'Kuba.

F'Malta u f'Għawdex hemm il-faqar
• ta' żwiġijiet imfarrka;
• ta' wlied nieqsa mill-imħabba tal-ġenituri għax huma mifrudin;
• ta' familji fejn il-missier ... jew xi ħadd mill-ulied qiegħed il-ħabs,
 maħkum mid-droga,
 skjav ta' l-alkoħol,
 marbut mal-vizzji tal-logħob tal-flus,
 bla xogħol,
 marid b'mard kroniku ... terminali;
• ta' familji b'ġenitur wieħed;
• ta' familji li abbandunaw lil Alla ... lill-Knisja ... is-Sagramenti
 u tilfu kull valur reliġjuż;
• omosesswali- lesbjani, prostituti;
• analfabeti - (15 fil-mija f'Malta u Għawdex);
• familji b'xi membru maħkum minn xi tip ta' diżabilità;
• ... u oħrajn.

## IMMA F'KUBA ...

Il-faqar huwa mifrux aktar minn hekk.
Il-faqar li jeżisti f'Malta
jeżisti kollu kemm hu f'Kuba
u f'kull pajjiż tad-dinja ...
anke fl-Istati Uniti ta' l-Amerika
li huwa meqjus bħala l-aktar pajjiż sinjur tad-dinja.
Imma l-kappillan f'parroċċa f'Kuba
jkollu jħabbat wiċċu
ma' diversi tipi ta' faqar
li f'Malta ma jeżistix.
Dak li f'Malta noħduh *for granted,*
dak li "Malta għandna bix-xaba'
u bir-rimi
hawnhekk ma ssibux.




*Fr. Philip waqt riċeviment familjari wara li bierek iż-żwieġ ta' koppja li kienu ilhom 40 sena miżżewġin ċivilment biss.*
*Fuq: Flimkien ma' grupp ta' tfal u katekisti fl-istazzjon missjunarju ta' Guinea De Merenda*

U l-kappillan f'Kuba
minflok ma joqgħod jaħli l-ħin u l-enerġija
biex jiġbor il-flus
għal xi sett kandlieri tal-fidda,
għal xi sett linef ġodda,
għal xi bradella ġdida,
għal xi pavimenti ta' l-irħam,
hawnhekk il-kappillan
irid iħabbel rasu
biex jara kif ser jiġbor il-flus ħalli:
• jagħti platt ross lil min hu bil-ġuħ;
• biex jixtri saqqu lil min qed jorqod fuq il-kartun;
• biex jixtri ċilindri tal-gass lill-fqar ħalli jgħallu l-ilma qabel ma jixorbuh għax għandhom l-istonku mimli parassiti;
• biex jixtri l-mediċina neċessarja;
• biex jixtri par żarbun lil tfajla li ilha x-xhur ma toħrog mid-dar għax tistħi ...;
• biex jixtri *"wheel chair"* lil ġuvni li ilu s-snin ma jara d-dawl tax-xemx;
• biex jgħin lil ħafna familji fejn, filwaqt li l-ħajja hija għolja daqs u aktar minn Malta, il-Missier għandu l-paga minima nazzjonali ta' tliet liri Maltin fix-xahar ... ġurnata xogħol ta' tmin sigħat għal 10 ċenteżmi;
• biex jipprovdi għal-ložor u għall-imħadded,
għat-*"toothpaste"* u għat-*"toothbrush"*,
għal-pitazzi u l-lapsijiet
u għal mitt elf ħaġa oħra
li f'Malta għandna bir-radam.
Il-gvern jipprova jkun ħafna ġeneruż
mal-poplu tiegħu ...
jipprova jqassam minn dak li għandu ...
jipprova jgħin lill-fqir, lill-marid u lill-batut ...
Jeżistu sistemi ta' għajnuniet soċjali
għal diversi kategoriji ta' nies ...
Imma pajjiż bħal Kuba ...
maħkum minn żewġ *"embargos"*
dak Amerikan u dak Russu ...
pajjiż f'mixja għall-iżvilupp
huwa nieqes mir-riżorsi meħtieġa
biex ilaħħaq mal-11-il miljun ruħ.

**DAN HU XI JFISSER**
**li tkun kappillan f'art tal-missjoni.**

Ifisser li tħossok:
• tassew qassis;
• tassew franġiskan-kapuċċin;
• tassew missjunarju;
• tassew qed tgħix l-Evanġelju;
• tassew qed tmur għall-essenzjal;
• tassew qed tinvesti kull ħin għall-Mulej u s-Saltna tiegħu;
• tassew qiegħed għall-poplu u mal-poplu fil-ħtiġijiet kollha tiegħu.

Fil-waqt li rrodd ħajr lil Alla
tal-kappillllani li għandna f'Malta u f'Għawdex
għax-xogħol dedikat u impenjattiv
li qed iwettqu ...
... nammirahom u nitlob ħafna għalihom ...
Ma niqafx ukoll irroddlu ħajr
għal din l-esperjenza
li qed jagħtini li ngħix
bħala kappillan f'parroċċa ġewwa Kuba.

*Isfel: Fr. Philip jasal bir-rota biex jiċċelebra l-quddiesa fil-Parroċċa ta' Santa Ana.*



**Fr. Philip Cutajar ofm cap.**
**Parroquia La Pastora C/Sindico, 4 entre Cuba y Villuendas**
**50100 Santa Clara (Villa Clara) CUBA**
***L-indirizz ta' l-E-Mail inbidel:*** **dei@cocc.co.cu**

**Kull offerta b'risq il-missjoni tal-Kapuċċini f'Kuba**
**tista' titpoġġa fl-HSBC Acc. No. 444078871**
**jew titwassal fl-Uffiċċju tal-Missjoni, Kapuċċini, Floriana.**

minn P. William AXIAQ ofm cap

# Father,

*Jiena mara miżżewġa mdejqa. Fiż-żwieġ, ir-raġel suppost jirrispetta lil martu u jżommha fuq wiċċ l-idejn. Ir-raġel tiegħi, jiddispjaċini ngħid, jittrattani mod ieħor. Tgħidx kemm qiegħed ikiddni. Jieħu gost jarani ninkwieta. Ma nafx għal liema raġuni, għax anki l-ilma jiżfen nagħmillu, avolja ma jistħoqqlux. Meta jinkwetani, nibda niftakar fl-għarus li kelli qabel ma bdejt noħroġ miegħu, u noqgħod naħseb apposta fuq il-ġranet hienja li darba qattajt miegħu. Meta ma jiġix hu f'moħħi, erħini noqgħod nimmaġina żwieġ ma' raġel fittizju ta' natural uman u ġentili, li stajt inkunu ħafna aħjar miegħu milli ninsab mar-raġel kattiv li għandi. Taħseb li qed inġib ruħi sew?*

Minn kliemek tidher mara ddispjaċuta, iddiżappuntata u ffrustrata. Għandek raġun għax, jekk ir-raġel tiegħek ma jistmakx, altru li jiddispjaċik, iżjed u iżjed meta tibqa' tħobbu qisu ma qed jagħmillek xejn. Il-frustrazzjoni fl-imħabba bejn tnejn miżżewġin hija kiefra wisq u insopportabbli. Liema persuna miżżewġa tiflaħ għaliha meta l-iskop ewlieni taż-żwieġ hija l-imħabba fil-milja tagħha?

Diżgrazzjatament, ikollna nammettu li fiż-żwieġ jista' jkun hemm parti li tagħmel il-ħajja diffiċli 'l parti l-oħra, bħalma hu l-każ tiegħek. Fiż-żwieġ, mhux bilfors li ż-żewġ partijiet ikunu kibru u qed ikomplu jikbru emozzjonalment, affettivament u psikoloġikament.

Jekk il-każ tiegħek ifisser li għandek raġel li qed jittrattak ħażin regolarment, dan juri li għandek raġel immatur, sieħeb li qed iġorr ċerti problemi fil-ħajja tiegħu, iżjed u iżjed meta inti m'inti tagħmillu xejn biex jirreaġixxi bil-mod kif spjegajt inti stess.

Jekk ir-raġel suppost jittrattak tajjeb, inti għandek tibqa' subgħajk dritt miegħu, anki fil-ħabi ta' ħsebijietek u ta' qalbek, avolja qed jagħmillek ħajtek infern, biex ngħid hekk. Ir-raġel, jagħmillek x'jagħmillek, qatt ma jista' jagħtik id-dritt li tkun infidila miegħu, billi toqgħod taħseb fl-għarus li darba kellek, jew timmaġina xi raġel ieħor li stajt tkun kuntenta miegħu fiż-żwieġ. Jekk tagħmel hekk, tkun qed tagħmillu tort ikbar milli qiegħed jagħmel hu lilek, biex inkun għedtlek kollox.

Naf li mhux qed ngħidlek ħaġa faċli. Iebsa kemm hi iebsa s-sitwazzjoni li tinsab fiha, inti trid tidra tfittex soluzzjoni sħiħa jew parzjali, u mhux toqgħod titħassar lilek innifsek, u toħloq dinja ta' ħolm u fantasija li, mhux biss tagħmillek ħsara spiritwali u morali, talli, wara li toħroġ minnha, tħallik ħażin anki psikoloġikament. Veru?

Il-provi tal-ħajja jiġu fuq kulħadd anki kieku żżewwiġt lil ħaddieħor. Jiġu, u rridu nerfgħuhom mill-aħjar li nistgħu, bla ma nħalluhom jitfgħuna lura. Trid tkun qalbiena biex is-sejħa kbira taż-żwieġ qatt ma tħallıha tmur minn taħt, qatt ma tippermetti li tittappan.

Naf b'nisa miżżewġin li fiż-żwieġ tagħhom għaddew minn żmien ta' martirju u, għax ħadu ftit tal-paċenzja, Alla ppremjahom. L-imħabba kollox tissaporti u, maż-żmien, kollox tissoġġetta għaliha.

Ibqa' ċerta li fil-każ tiegħek il-folja għad tinqaleb, basta tibqa' fidila lejn żewġek fi ħsebijietek, fl-immaġinazzjoni u fil-fantasija tiegħek u, iżjed u iżjed, f'xewqatek. Il-bniedem ġust dejjem jittrijonfa. ❑





*Mix-xellug: Ħuna Domenic Mangani (Mastru tan-Novizzi), Ħuna Crispin Tabone (Provinċjal); Ħuna Joe Grixti (Gwardjan) u t-tliet Professi Temporanji Ġodda.*

# Professjoni Temporanja

NHAR il-Ħadd, l-1 ta' Ottubru, 2000, tliet żgħażagħ, wara li temmew is-Sena tan-Novizzjat ġewwa l-kunvent tal-Kalkara, għamlu l-Professjoni Temporanja tagħhom fil-knisja parrokkjali tat-Trinità Mqaddsa, il-Marsa, f'idejn il-Provinċjal, P. Crispin Tabone waqt quddiesa kkonċelebrata li fiha ħadu sehem għadd sabiħ ta' saċerdoti. Dawn huma *(mix-xellug)* Ħutna Carmel Borg mill-Parroċċa ta' San Bastjan, Qormi, Antoine Ebejer mill-Parroċċa ta' Marija Reġina, il-Marsa u Ivan Scicluna mill-Parroċċa tan-Naxxar. Nirringrazzjaw lill-Mulej ta' dawn Ħutna li tana biex jaqsmu ħajjiethom magħna u nitolbu għalihom u għal aktar vokazzjonijiet.



## Ordinazzjoni Presbiterali fil-Kenja

BRO. Godfrey Odunga *(ritratt fuq)*, Kapuċċin Kenjan, spiċċa l-kors ta' studji tiegħu fis-Seminarju tagħna f'Langata, il-Kenja. Wara żmien bħala Djaknu fil-parroċċa ta' Ruiru ġie ordnat saċerdot nhar is-Sibt, 28 ta' Ottubru 2000, mill-isqof tad-Djoċesi ta' Bungoma, Mons. Norman King'oo Wambua.

*AD MULTOS ANNOS!*

## Il-Mulej isejjaħ għal għandu

Fid-19 ta' Awissu 2000, il-Mulej għoġbu jsejjaħ għall-premju tal-ħajja ta' dejjem lil Fr. Robert Brett, mill-Marsa, li għal dawn l-aħħar snin kien kappillan f'residenza għall-Anzjani, St. Anne, f'Kent, fl-Ingilterra. Fr. Brett ħadem għal ħdax-il sena bħala qassis missjunarju fuq il-gżira ta' Lamu fid-Djoċesi ta' Garissa, il-Kenja, flimkien mal-missjunarji tagħna. Huwa miet f'Bromley Hospital, U.K., u l-funeral sarlu fit-28 ta' Awissu fil-knisja tat-Trinità Mqaddsa, il-Marsa. Nitolbu għal dan ħuna fis-saċerdozju biex il-Mulej idaħħlu fil-mistrieħ ta' dejjem, u nagħtu l-għomor lill-qraba u l-ħbieb tiegħu. R.I.P.

## Professjoni Perpetwa u Ordinazzjoni tad-Djakonat fil-Kenja



TNEJN minn Ħutna s-seminaristi Kapuċċini Kenjani, Bro. Dominic Kose Were u Bro. Andrea Kokanyi Galeo *(ritratt lemin)* għamlu l-Professjoni Perpetwa tagħhom f'idejn il-Viċi-Provinċjal, P. George Bezzina OFM Cap., nhar il-Ġimgħa, 29 ta' Settembru 2000. L-għada, is-Sibt, ġew ordnati Djakni minn Mons. Francis Baldacchino OFM Cap., l-isqof il-ġdid ta' Malindi fil-Kenja. Dawn iż-żewġ okkażjonijiet ġew iċċelebrati fil-Kappella tas-Seminarju tagħna l-Kapuċċini Maltin, f'Langata, Nairobi, il-Kenja. Nawguraw lil dawn Ħutna u nitolbu għalihom.

## Ordinazzjoni ta' Djakni f'Wema



NHAR is-Sibt, 29 ta' Lulju, fil-parroċċa ta' Wema, Mons. Pawlu Darmanin, isqof ta' Garissa, ordna Djakni tliet seminaristi żgħażagħ, Jose' Lopez Hernandez, Pedro Ronaldo Gonzalez Perez u Onildo Orellana Diaz, missjunarji mill-Kolumbja. Dawn kienu ilhom jaħdmu fil-parroċċa ta' Wema għal dawn l-aħħar seba' xhur. Iċ-ċelebrazzjoni kienet waħda ta' ferħ, għax għall-ewwel darba fil-parroċċa ta' Wema saret ordinazzjoni ta' Djakni. L-Isqof Pawlu Darmanin, fil-bidu tal-quddiesa, spjega lill-ġemgħa preżenti l-iskop li għalih kienu miġbura, introduċa wkoll l-isqof elett tad-djoċesi ta' Malindi, Mons. Francis Baldacchino, li kien ukoll preżenti, lill-insara ta' Wema, li issa l-parroċċa tagħhom tagħmel parti mid-djoċesi l-ġdida.

## Missjunarju għall-mistrieħ



ĦUNA P. Vincent Buhagiar wasal Malta, flimkien maż-żewġ isqfijiet Kapuċċini Maltin, Mons. Pawlu Darmanin u Mons. Francis Baldacchino, għall-mistrieħ tiegħu wara li sentejn ilu mar il-Kenja għat-tieni darba. P. Vincent, l-ewwel darba li mar il-Kenja kien fost dawk li kienu marru fil-bidunett tal-Missjoni tal-Kenja, 26 sena ilu. Nawgurawlu ġranet ta' mistrieħ tassew mistħoqq.

## Żjara lil Ħutna mejtin

NHAR il-Ħamis, 23 ta' Novembru 2000, l-Aħwa Kapuċċini ser jiċċelebraw quddiesa fil-Kappella taċ–Ċimiterju Marija Addolorata, Raħal Ġdid, b'tifkira tal-mejtin tagħhom. Il-Membri ta' l-OFS, kif ukoll ħbieb u familjari oħra, huma mistiedna li jieħdu sehem. Fid-9.00 a.m. jibda l-pellegrinaġġ minn ħdejn il-bieb prinċipali taċ-Ċimiterju. Il-quddiesa tibda fid-9.30 a.m.





## BORŻA TA' STUDJU

hija offerta ġeneruża ta' Lm250.00 li tinqasam bejn is-seminaristi tagħna kollha. Din tista' tingħata jew minn persuna waħda jew minn diversi benefatturi li jingħaqdu flimkien. Tista' tingħata anki ftit ftit. Min jagħmel din l-offerta jkollu sehem kbir fil-ħajja reliġjuża/saċerdotali tal-Kapuċċini Kenjani.

**Għal aktar tagħrif ikkuntattja lil Fr. Joe Alessandro Uffiċċju Missjoni Kapuċċini, Floriana Tel: 233874/234949**

## Bazaar b'risq il-missjoni

Fiċ-Ċontru Kultura Franġiskana, ħdejn il-kunvent tal-Kapuċċini, il-Furjana, ser isir BAZAAR b'risq il-missjoni bejn l-24 u s-26 ta' Novembru 2000. Int tista' tgħin billi:

- iżżur il-BAZAAR u tixtri li jkollok bżonn;
- toffri anke oġġett wieħed għal dan il-BAZAAR (preserve, pjanti, kotba, oġġetti ta' tiżjin, ecc. - ma nixtiqux ħwejjeġ).

Nirringrazzjawkom bil-quddiem.

minn Bro. Andrè AZZOPARDI ofm cap



# nitkellmu ma' Patri PIETRU PAWL SCHEMBRI

***• Għażiż P. Pietru Pawl x'inhi dik il-ħaġa li għadek tiftakar l-iżjed fit-tfulija tiegħek?***

Ta' sitt snin niftakar li kien żmien ta' biża', żmien ta' gwerra bil-bombi neżlin fuq rasna lejl u nhar. Bħala refuġju fejn nistkennu mill-attakki ta' l-għadu kellna xelters li, xitwa u sajf, kienu dejjem umdi. L-iskejjel kienu kollha magħluqin. L-ikel kien bir-*ration*: kwart u nofs ħobż kull ras u l-ikel mill-*victory kitchen*. Il-mard kien komuni ħafna, speċjalment l-iScabies u t-tifojde. Minkejja l-ħafna diffikultajiet, il-poplu Malti kien magħqud u ta' fidi kbira.

***• Qabel dħalt fl-Ordni Kapuċċin, x'kien l-ambjent li fih trabbejt?***

L-ambjent li fih jien trabbejt kien wieħed ta' dixxiplina u ta' reliġjożità soda. Konna ħdax-il aħwa: żewġt ibniet u disa' subien. Ommi u missieri dejjem fittxew li jrabbuna tajjeb u fil-ġabra tal-familja.

***• Meta ddeċidejt li tidħol, u għalfejn?***

Meta kont għadni tifel kont membru ta' l-*Iscouts* tal-Ħamrun flimkien ma' erba' ħuti oħra. Bħala abbati fil-knisja parrokkjali tal-Marsa kont ħabrieki ħafna u, billi libsa ma kellix, għax kont fqir, kont immur xi siegħa qabel il-funzjoni ħalli nilħaq xi libsa minn tal-knisja. Kont nammira ħafna lill-patrijiet waqt it-talb tagħhom kif ukoll fix-xogħol tagħhom kemm fil-parroċċa kif ukoll fl-isptarijiet. Uħud minnhom mhux biss ħajruni biex nidħol magħhom, iżda talli għenuni fl-istudji tiegħi. Bdejt inħoss il-vokazzjoni għal dik il-ħajja, u ġejt aċċettat fl-iskola li kellhom fil-kunvent tal-Furjana, żewġ kmamar biss minħabba li l-kunvent kien iġġarraf kważi kollu fil-gwerra.

***• Illum nafu li l-ħajja m'għadhiex kif kienet. Tista' tgħidilna xi ħaġa dwar il-ħajja tal-Patrijiet Kapuċċini fl-antik?***

Meta dħal mal-patrijiet, fid-9 ta' Settembru, 1949, il-ħajja fil-kunvent kienet tikkonsisti f'talb, f'ġabra u f'servizz lill-poplu ta' Alla kemm f'Malta kif ukoll fil-missjoni. Il-ħinijiet ta' talb kienu itwal minn ta' llum u ħafna aktar spissi. Kull nhar ta' Erbgħa konna nqumu f'nofs il-lejl biex nitolbu l-*Matutin* u l-*Lawdi*. Wara l-ikel ta'nofs inhar u wara l-10.00 ta' bil-lejl kien jinżamm is-silenzju mal-kunvent kollu, u l-patrijiet li kienu joħorġu wara nofsinhar kienu jinġabru lura l-kunvent qabel it-tokki ta' l-*Ave Maria*. Bħala appostolat il-patrijiet kienu jqarru ħafna u jippridkaw kemm fil-knejjes tagħna kif ukoll f'postijiet oħra.

*• Wara li ġejt ordnat saċerdot, x'ħidma wettaqt fi ħdan il-provinċja?*

Malli sirt saċerdot, is-superjuri tawni nieħu ħsieb l-abbatini; appostolat li kien tassew għal qalbi u li wettaqtu b'tant imħabba u sagrifiċċju. Kelli mas-60 abbati li kienu jagħtu s-servizz tagħhom waqt il-festi f'diversi parroċċi u sptarijiet, kif ukoll kienu jkantaw mas-Surmast Camilleri. Appostolat ieħor li wettaqt u għadni nwettaq huwa l-ħidma fost ħutna l-morda u l-anzjani f'diversi sptarijiet u djar. Dan l-appostolat huwa partikulari għalina l-Kapuċċini u jagħmel parti mis-sejħa tagħna bħala Franġiskani li rridu ngħixu u naħdmu fost il-batuti. Fil-morda nara l-persuna ta' Ġesù Kristu jbati.

***• Kellek xi ħajra li tmur il-missjoni?***

Il-missjoni kont inħobbha ħafna b'tali mod li, waqt li kont nitlob għall-missjoni, kont ninteressa ruħi wkoll u ngħin fil-ġbir għal dan il-għan. Darba kien ġie hawn Malta P. Cosme, Kapuċċin Taljan, Superjur fil-misssjoni tal-Kolumbja, u meta ra x-xogħol li kont qed inwettaq ma' l-abbatini, talabni bil-ħniena u qalli: "Għażiż tiegħi, ejja miegħi l-missjoni għax ix-xogħol li qed tagħmel ma' dawn it-tfal abbatini jiġi wisq apprezzat minn Alla fil-Kolumbja, fejn hemm ħafna tfal u ma hemm ħadd li għandu din l-imħabba u d-dedikazzjoni lejhom bħalma għandek int!" Bi ftehim mal-Provinċjal u b'sagrifiċċju tar-rabta li jien kelli ma' ommi (missieri kien mejjet) u ma' ħuti, kif ukoll max-xogħol li kont qed inwettaq, ħallejt Malta flimkien ma' missjunarji oħra sħabi lejn il-Kolumbja, fl-Amerika Latina.

***• X'tixtieq tgħid lil dawk li huma msejħin u mħajrin biex jagħtu bidu għal din it-tip ta' ħajja?***

L-ewwel u qabel kollox ngħidilhom li jkunu nies ta' talb u jafdaw dejjem f'Alla f'kull ma jagħmlu billi jintelqu għar-rieda tiegħu. It-tieni jirrispettaw lil dawk li huma responsabbli tagħhom, ġenituri, superjuri, eċċ. Bħala dawk li jridu jimxu wara Kristu fuq l-eżempju ta' San Franġisk, għandhom ikunu umli u jgħinu li dawk fil-bżonn, batuti u mwarrbin mill-parti l-kbira tan-nies. Dan jirnexxilhom iwettquh bl-għajnuna ta' Alla u b'ħafna mħabba u sagrifiċċju.

minn Lina BROCKDORFF ofs

# Meta l-orgni ma daqqx

Kien hemm ġemgħa nies mhux ħażin jistennew biex jaraw l-għarusa dieħla l-knisja. Ma damux wisq jistennew għax Eloise dehret ħierġa minn karozza żgħira ftit qabel m'a daqqu d-disgħa ta' filgħodu. U x'rat il-folla f'Eloise li mhux soltu jaraw f'għarajjes oħra? Xejn affattu. Lanqas ma kellu xejn speċjali l-għarus, għajr ħaġa waħda, li hu ma kienx mir-raħal. Hekk kif huma daħlu l-knisja beda jinstema' d-daqq ta' l-orgni kif qatt qabel ma kienu semgħuh idoqq qisu ried jisplodi b'xi emozzjoni li xtaq jinterpreta f'dik il-melodija solenni u ħelwa fl-istess ħin. Waqt dak id-daqq Eloise u Filippe saru ta' xulxin.

Spiss jiġri waqt ċerimonja tat-tieġ li l-għarusa tibda tibki, imma f'dan il-każ l-għarusa ma xerditx ħlief żewġ demgħat kiesħa li bilkemm riedu jitħarrku minn xfar għajnejnha. U minn ġo dawn iż-żewġ demgħat bdiet tara d-dawl tax-xemgħa jitwal u jitmewweġ, il-knisja kollha ssir ċappa sħab bajdani waqt li ħsibijietha bdew jaħarbu u jiġġerrew fl-imgħoddi u fil-ġejjieni mingħajr ma setgħet twaqqafhom.



X'rat fl-imgħoddi? Rat lilha nnifisha tikber minn daqxejn ta' tfajla, u magħha jikbru t-tamiet u x-xewqat. Ma kenitx toqgħod 'il bogħod mid-dar ta'Jean, ġuvni sentejn akbar minnha li kien l-organista tar-raħal. Wara li miet missieru hu ħa l-istudju ta' l-orgni bl-akbar serjetà għax xtaq li jkun hu u hu biss li wara missieru jdoqq dak l-orgni li kien il-għaxqa ta' dak ir-raħal. Għalhekk tgħidx kemm-il siegħa kien iqatta' jipprattika u jdoqq l-orgni għas-skiet ta' knisja vojta biex hekk iħabrek u jitgħallem mill-aħjar li jista'.

Eloise u Jean kienu jafu 'l xulxin mhux ħażin għax go raħal żgħir bilfors li kulħadd jaf 'l xulxin. Meta kienu jiltaqgħu fit-triq ġie li kienu biss isellmu, ġie li waqfu jitkellmu fuqhom infushom, fuq il-problemi żgħar tagħhom u tar-raħal. Dawn il-laqgħat innoċenti u ta' kumbinazzjoni, laqgħat li għalkemm għalihom ma kenux jiftiehmu, it-tnejn kienu jistennewhom. Wiċċhom kien jiħmar malli jilmħu 'l xulxin u b'hekk kien jidher ċar li bejn dawk iż żewġt iqlub kien hemm rabta u ġibda mhux ħażin.

Ħadd ħliefhom ma kien jaf b'dan kollu, u lanqas bejniethom stess qatt ma ntqal xejn jew issemmiet il-kelma 'mħabba'. Huma kienu jħossu dik il-ġibda, kienu jafu biha, kienu kuntenti u xejn aktar. Min jaf kemm-il darba Eloise kienet tħabrek tlesti kmieni mix-xogħol tad-dar biex tmur il-knisja u toqgħod f'xi rokna titgħaxxaq b'dak id-daqq ta' l-orgni. Hekk dawn iż-żewġ żgħażagħ kienu jistennew il-jum li xi ħadd minnhom jistaqsi lill-ieħor dik il-mistoqsija li t-tweġiba tagħha żgur li tkun iva. Eloise, naturalment kienet tippretendi li kellu jkun hu li jiftaħ fommu u jitlobha tkun martu.

Stenniet u stenniet Eloise, li kieku biss Jean seta' jaqra f'għajnejha l-ħrara li kellha biex joħroġ minn ġo qalbu dawk il-kelmiet! Issa kellha ħamsa u għoxrin sena u t-tfajliet tamparha kienu ilhom li nġabru u taw il-frott ta' mħabbithom. Imma tgħid għaliex ma riedx isaqsiha? X'kien qed iżommu lura? Kien hemm xi sigriet fin-nofs li hi ma kenitx taf bih? Forsi kien għadu mhux żgur minn imħabbitha jew imħabbtu? Hi kellha biss suspett żgħir. Setgħet kienet ommu li għal żmien twil kienet ilha marida. Kien hemm min qal fir-raħal li ommu ma tħallihx jiżżewweġ qabel ma tmut, u l-marda li kellha ma kenitx ser teħodha malajr.

Intant, il-laqgħat ta' bejniethom bdew jonqsu u meta jiltaqgħu qisu kien daħal xi dell bejniethom li ma ħallihomx iġibu ruħhom bħal qabel. Eloise kienet spiss issaqsi lilha nfisha jekk kenitx xortiha li tibqa' dejjem tistenna sa ma tikber u mbagħad żgur li ħadd ma jħares lejn wiċċha. X'garanzija kellha li xi darba kien ser jgħidilha? Kienet lesta li għall-imħabba tiegħu tibqa' xebba għomorha

kollu? It-tweġiba kienet 'le' u għalhekk hi qatgħetha li fuq kollox ma kenitx tħobbu biżżejjed.

Kien f'dan iż-żmien li mir-raħal tagħhom kien għaddej Filippe, ġuvni li kellu madwar tletin sena, jaħdem f'negozju f'belt fil-qrib u li ma l-ewwel darba li xeħet għajnejh fuqha ħa grazzja magħha. Eloise nġibdet lejh ukoll u ħassitha żgura li ladarba hu kien l-ewwel raġel li iddikjara li jħobbha ma setax jonqos li tinġbed lejh u xi darba ssir tħobbu.

Ippruvat ma taħsibx aktar f'Jean. Ma kenitx ħaġa iebsa għax issa bdiet tħejji għat-tieġ tagħha. Filippe xtaq li ma jdumux ma jiżżewġu, it-tieġ kellu jsir fil-knisja tar-raħal għalkemm wara kellhom imorru joqogħdu fil-belt fejn kien joqgħod Filippe. Bdew iħejju kollox għat-tieġ, u naturalment xtaqu wkoll li jkollhom id-daqq ta' l-orgni.

Eloise xtaqet li jmur Filippe biss biex jirranġa ma' Jean, imma mill-banda l-oħra din setgħet iġġiegħel lil Filippe jaħseb xi ħaġa, allura kien jaqbel li jmorru t-tnejn. U fuq kollox għaliex kellha tibża' jew tistħi tmur għandu?

Lejla minnhom marru d-dar tiegħu. Kienet dar żgħira, fqajra u traskurata għax fuq kollox ommu kienet issa dejjem fis-sodda u tinqeda għal kull ma teħtieġ b'tifla ta' għaxar snin li kienet toqgħod qrib. Kienet din it-tifla li fetħitilhom u qaltilhom biex jistennew għax Jean dalwaqt jasal. Baqgħu hemm wara l-bieb bilwieqfa u wara ftit wasal.

Kien jidher ċar li Jean ma kienx qed jistenniehom. Inħasad u kliemu kien għall-ewwel temtima sħiħa u wara ftit beda jitkellem jgħaġġel u bilkemm jiftiehem. Poġġew bilqiegħda f'kamra żgħira li kienet l-istudju tiegħu.

Eloise ħassitha barra minn postha hemm u xtaqet li qatt ma rat lil Jean hekk imbarazzat; qatt ma jmissha marret hemm ma' Filippe, imma issa kien tard wisq. Ħasset qalbha tingħafas għalih. Jgħidu li l-ħniena hija l-ewwel pass ta' l-imħabba. Tgħid kienet għadha tħobbu? Xtaqet li treġġa' l-arloġġ lura waqt li kienet mejta biex tgħidlu: "Imma għaliex qatt ma għedtli għażiż Jean?"

Wara li sar il-ftehim meħtieġ l-għarajjes qamu biex joħorġu u Jean, li qam ukoll, ħareġ idu biex jieħu b'idejn l-għarajjes. Ħa b'id l-għarusa l-ewwel u waqt li ħadu b'idejn xulxin il-ħarsa t'għajnejhom iltaqgħet. Kemm ħsus setgħet taqra Eloise f'dik il-ħarsa mgħaġġla u nervuża ta' Jean! Hekk kienet il-ħarsa li taw Jean u Eloise waqt li xtaqilha hena ma' dak ir-raġel li hu ma kienx jaf u li hi kienet mgħaġġla tagħżel biex ikun is-sieħeb tagħha għal ħajjitha kollha. Hi qrat dan kollu f'għajnejh u ħasset tkexkixa bard kiesaħ li bħal kefen dawrilha ġisimha u reżħet saħansitra 'l qalbha li dak il-ħin kienet ġamra nar.

U issa hi kienet hemm qed tisma' dak id-daqq ta' l-orgni, tisimgħu għall-aħħar darba, għax hi kienet żgura li qatt aktar ma terġa' tersaq lejn dak ir-raħal. Kienet sejra toqgħod il-bogħod, qalb uċuħ ġodda, dar ġdida, kollox ġdid. Forsi din ser tkun il-mediċina li tnissiha kollox.

Keċċiet il-ħsibijiet fuq l-imgħoddi u bdew għaddejjin minn quddiem għajnejha ħsibijiet xejn ċari dwar il-ġejjieni, il-ġejjieni tagħha ma' Filippe. Hu kien iħobbha, min dan ma kellhiex dubju u hi kienet tħobbu wkoll, dan kien ġenn tagħha li jidhlulha dubji dak il-ħin. Iva, it-tnejn kienu jħobbu 'l xulxin u ma kienx hemm l-ebda dell li kien isewwed ix-xefaq ta' ħajjithom. Kull ma kienet tinħtieġ issa kien ftit kuraġġ biex tirrealizza li spiċċa żmien il-ħolm u li kienet tinsab fuq l-għatba tad-dinja tar-realtà.

Mesħet malajr dawk id-demgħat minn fuq għajnjeha u bi tbissima sfurzata bdiet tħares 'l hinn u 'l hawn biex tara jekk xi ħadd kienx raha tixxotta d-dmugħ.

Iċ-ċerimonja kienet spiċċat u l-għarajjes qamu biex joħorġu qalb it-tbissim u x-xewqat tajba tal-mistednin li bilkemm ħallewhom jgħaddu u joħorġu mill-knisja. L-orgni kien għadu jdoqq meta f'daqqa waħda, waqt li l-għarajjes kienu għoddhom ħarġu, dak id-daqq waqaf ħesrem u nstema' bħal ħoss kbir qrib l-orgni. Kulħadd beda jtawwal għonqu biex jara x'ġara u għal waqt qasir Eloise ħassitha tibbies hemm fejn kienet. Hi wkoll xtaqet li tkun taf x'ġara imma kien hemm dirgħajn żewġha li bil-ħlewwa bdew iħajruha timxi 'l quddiem u hekk hi baqgħet ħierġa mill-knisja għal ġol-karozza. Waqt il-festin żgħir li kellhom kien hemm min qal li l-organista kien ħassu ħażin imma li wara malajr għaddielu u rawh ħiereġ u sejjer lejn daru.

Għaddew tliet snin wara t-tieġ ta' Eloise u jum fost l-oħrajn missitha x-xorti ħażina li tisfa armla għax żewġha miet f'diżgrazzja tat-traffiku.

Ħaditha bi kbira din l-aħbar għax Filippe kien raġel mill-aħjar u hi ma setgħetx tgħid li qatt naqasha xejn f'dak iż-żmien li kienu flimkien ħlief li kien għad ma kellhomx tfal, imma t-tnejn kienu għadhom żgħar, kien għad hemm ċans. Issa spiċċa kollox f'salt. Sabet ruħha weħidha u għalhekk ħsiebha reġa' tar lejn ir-raħal tagħha. Qatgħetha li terġa' tmur lura, min jaf Jean ... min jaf ommu kenitx mietet!

Ma tantx damet taħsibha. Fi ftit jiem waslet ir-raħal. Kien filgħodu għal ħabta ta' l-għaxra u kif kienet għaddejja minn quddiem il-knisja ndunat li kien hemm funzjoni fil-knisja.

Kien hemm in-nies. Kien hemm tebut f'nofs il-knisja. Ħassitha stramba l-biċċa li lanqas biss ma kien hemm daqq ta' l-orgni ... tgħid kienet mietet omm Jean?

Il-kurżità għelbitha. Daħlet u hemm qrib it-tebut tara lil omm Jean. Malajr fehmet għaliex ma kienx qed idoqq l-orgni dak in-nhar! ❑

# TISLIBA 9

minn P. Wistin ATTARD ofm cap



1. ... għonqkom. (Bar 2, 21) (5)
2. Qabżet u nbelgħet. (2 Mak 1, 32) (6)
3. Kienet imħallta man-nar (Apk 8, 7) (5)
4. Waslitilhom il-*bxara*. (1 Mak 2, 31) (5)
5. Irġiel u nisa u ...! (Dan 14, 20) (4)
6. Għamlu Apollo. (1 Kor 3, 6) (5)
7. Mill-*għewied* taċ-ċipress. (Ġen 6, 14) (5)
8. Biża' u .... (Lam 3, 47) (5)
9. U *baqa'* sejjer 7 ijiem. (Est 1,5) (3)
10. Hekk jagħmel lill-art. (Ġob 9, 6) (7)
11. u 12. Jgħajtu biex .... (S 104, 21) (6)
13. Fidda, għuda u .... (2 Tim 2, 20) (6)
14. Jinħtieġ li naħbtu magħha. (Atti 27, 26) (5)
15. Prinċep ta' Mesek u .... (Eżek 38, 3) (5)
16. Nibnuha tal-fidda. (Għan 8, 9) (5)
17. Dawn imfawrin (Ġoel 4, 13) (5)
18. Din selvaġġa jew tajba. (Rum 11, 24) (7)
19. Bid-dmugħ u bil-.... (Mal 2, 13) (4)
20. Jgħix fix-xmara u miet. (Eż 7, 21) (3)
21. Minn kull *naħa* tad-dinja. (Tob 13, 13) (5)
22. Riedet ras Ġwanni fuqu. (Mt 14, 8) (5)

***RIŻULTAT TAT-TISLIBA TA' OTTUBRU:***

*1. Miġja; 2. Joffru; 3. Abiħu; 4. Kmand; 5. Ġlied; 6. Waħdu; 7. Iħobb; 8. Milja; 9. Jaf; 10. Ħenadad; 11. u 12. Tuturi; 13. Raġuni; 14. Asima; 15. Ġusti; 16. Marad; 17. Ħdura; § 18. Sinjura; 19. Naħa; 20. Ġid; 21. Maħat; 22. Abner.*

*Ir-rebbieħ jingħata ktieb sabiħ. Dan jittella' bix-xorti mit-tislibiet tajba li jaslu mhux aktar tard mill-ħmistax tax-xahar. Ibgħatu s-soluzzjoni tagħkom f'dan l-indirizz: Tisliba Dawl Franġiskan, Kunvent tal-Kapuċċini, Floriana - VLT 14*

**Ir-Rebbieħ ta' dan ix-xahar huwa: Mr. Adrian Pace - Mqabba**

**Il-Bibbja li ntużat għal din it-Tisliba hija dik ta' l-Għaqda Biblika (Edizzjoni 1984 jew 1997).**

# POEŻIJI

*minn Profs. Oliver Friggieri*

## L-IMĦABBA FJUR

(fuq il-melodija ta' *Plaisir d'amour*)

L-imħabba fjur li jinbet waħdu fil-qalb,
jisbieħ u jfuħ biex madwaru jitrabba l-ferħ.
L-imħabba fjur li jitbissem lill-univers.
Mill-għoli Alla jitbissem lil dan il-fjur.
L-imħabba fjur li jiftaħ, jikber u jfuħ.
Hekk Alla jrid biex id-dinja
iddur u ddur.

Qawsalla lwien tinfirex f'nofs din il-qalb,
fl-għeluq tal-qalb issa jżernaq il-jum il-ġdid.
Mill-għoli Alla jittawwal u jrodd il-ferħ.
F'idejh Hu jżomm il-qawsalla biex hi tisbieħ.
Qawsalla lwien trid tfeġġ fil-qalb ta' kulħadd.
Hekk Alla jrid biex id-dinja
ma ddurx għalxejn.



## XI MKIEN MADWARI

(fuq il-melodija ta' *Amazing grace*)

Jien naf li 'l fuq mis-sħab hemm Int,
mistoħbi w ħaj, Mulej,
ma tongħos qatt u tgħasses biss
fuq kulma ħlaqt b'idejk.

Xi mkien madwari nisma' l-ħoss
tal-passi ta' riġlejk,
fuq spallti nħoss idejk ħelwin,
nisimgħek tieħu n-nifs.

Kull meta jien ikolli l-ferħ
Int bħali tkun ferħan.
Kull meta nxerred ħafna dmugħ
Int tibki bħali wkoll.

Kulm'għedtli darba ma nsejtux,
erfajtu f'din il-qalb,
inġorru miegħi fejn immur
u nxandru lil kulħadd.

# Ippruvaw u taraw kemm hu tajjeb il-Mulej

minn Bro Dennis Calleja OFM Cap

Kemm-il darba fil-ħajja tagħna ta' kuljum inkunu irridu nippruvaw xi ħaġa biex naraw jekk hiex tajba għalina jew le. Meta tipprova ħaġa ovvjament ser ikun hemm il-konsegwenzi ta' dak li tkun ippruvajt u b'hekk tara b'għajnejk dak li tkun għamilt. Hija ħaġa ċerta li meta tipprova xi ħaġa tagħmilha għall-aħjar tiegħek jew għax taħseb li biha se tmur jew tħossok aħjar.

Is-salmista fis-salm 33 jagħmlilna stedina: "Ippruvaw u taraw kemm hu tajjeb il-Mulej." Din l-istedina tat raġun lil ħafna nies li meta ġew f'kuntatt ma' Ġesù ppruvawh u raw it-tjubija tiegħu. Ħafna kienu dawk li ħadu ċ-ċans li ġiehom ma' Ġesù u ħarġu sodisfatti. L-għaxar lebbruži, l-għama ta' Ġeriko, ir-raġel miflug, ir-raġel b'idu niexfa, il-mara tnixxi d-demm u oħrajn li kollha ppruvaw lil Ġesù u raw l-imħabba tiegħu permezz tal-fejqan.

Insibu oħrajn li ġew f'kuntatt ma' Ġesù u bidlilhom ħajjithom mil-lejl għan-nhar fosthom Żakkew, Nikodemu, Mattew u s-Samaritana. Persuni bħal Lazzru, t-tifla ta' Ġajru, t-tifla ta' l-armla ta' Najm u oħrajn esperjenzaw lil Ġesù bħala l-Qawmien u l-Ħajja għaliex qajjimhom mill-mewt mhux biss spiritwalment iżda saħansitra fiżikament. Ippruvaw lil Ġesù bħala l-ħallieq tagħhom dawk li minnu ġew meħlusa mix-xitan. Setgħu jibdew jgħixu ħajja mill-ġdid 'il bogħod mill-jasar u d-dnub . U mhux l-inqas raw it-tjubija tal-Mulej l-Appostli li għexu miegħu u raw b'għajnejhom dak li wettaq.



Dawn in-nies kollha għamlu esperjenza ħajja ta' l-Iben ta' Alla. F' Ġesù raw it-tjubija, l-ħniena u l-imħabba. Raw kemm Ġesù ħabb lill-bniedem b'lmħabba tal-ġenn. Kleku ma klenx hekk kien ser ibati dik it-tbatija kollha u jmut għalija u għalik? Iżda Ġesù għamel dak li qal: "m'hemmx imħabba akbar minn din li li wieħed jagħti ħajtu għal ħbiebu" (Ġw 15 v13).

Aħna wkoll irridu nersqu lejn Ġesù bħal ma resqu dawk in-nies li nsibu fl-Evanġelju, b'fidi u b'qalb kbira li verament lesti nagħmlu esperjenza ħajja ta' Ġesù f'ħajjitna. Jekk inħallu lil Ġesù jidħol fina u ntuh iċ-ċans li jibda jaħdem, żgur li ser jibdilna. Permezz ta' Ġesù nsiru bnedmin ġodda, u ħajjitna tibda tagħmel ħafna sens.

It-triq li twassalna għand il-Missier hi waħda: Ġesù Kristu l-Iben ta' Alla l-ħaj. "Jien it-triq, l-verità u l-ħajja ħadd ma jmur għand il-Missier jekk mhux bija." Ġesù ma setax ikun aktar ċar fi kliemu. B'fidi kbira u b'għajnejna magħluqa rridu nimxu warajh. Il-Mulej jimxi magħna f'kull pass li nagħmlu. Qatt ma se nkunu weħedna. Inħallu f'idejh biex hu jmexxi l-ħajja tagħna. Hu jaf x'inhu l-aħjar għalina!



**Fix-xahar ta' Novembru ċ-*Church on Wheels* ser tkun f'dawn il-lokalitajiet:**

**6 ta' Novembru: Parroċċa ta' l-Isla**
**7 ta' Novembru: *Junior Lyceum* - Imrieħel**
**8 ta' Novembru: *Junior Lyceum* (Bniet) - Santa Lucia**
**10 ta' Novembru: Parroċċa tal-Gżira**
**14 ta' Novembru: Parroċċa ta' Ħal-Luqa**
**17 ta' Novembru: Parroċċa ta' Ħal-Għaxaq**
**21 ta' Novembru: *Junior College* - Msida**
**25 ta' Novembru: Parroċċa ta' San Ġorġ - Ħal-Qormi**
**28 ta' Novembru: Parroċċa tal-Mosta**

# Ġedded l-Abbonament tiegħek fid-

# DAWL FRANĠISKAN

2001

**Ibgħat Lm 4 flimkien ma' l-isem u l-indirizz tiegħek f'dan l-indirizz:**

**L-Editur Dawl Franġiskan**
**Kunvent tal-Kapuċċini**
**Floriana - VLT 14**

# LOTTERIJA KBIRA TAL-MILIED

## b'risq il-Missjoni tal-Kapuċċini

***Organizzata miċ-Ċentru Missjoni Kapuċċini - Floriana***

Bħas-snin l-imgħoddija, is-Segretarjat Missjoni Kapuċċini qed jorganizza l-Lotterija Kbira tal-Milied biex ikun jista' jgħin lill-Missjonijiet tagħna l-Kapuċċini. Għaldaqstant, mimlijin bit-tama fl-għajnuna li intom dejjem tajtuna fl-imgħoddi, inħeġġukom tieħdu sehem f'din il-Lotterija li titla' fis-7 ta' Jannar 2001.

**IL-PREMJIJIET HUMA DAWN:**
**L-1 Premju: Żewġ Biljetti ta' l-Ajru ma' l-Air Malta għal Ruma u lura**
**It-2, it-3 u r-4 Premju: Hamper Kbir tal-Milied kull wieħed**

**L-GĦAJNUNA TIEGĦEK HIJA WISQ MEĦTIEĠA U FERM APPREZZATA!**

# *Il-Milied u San Franġisk*

**Pakkett ta' 16-il kartolina artistika tal-Milied.**
**Kull dħul imur għall-Missjoni tal-Franġiskani Kapuċċini Maltin**



***Dawn il-kartolini jistgħu jinkisbu mill-Uffiċċju Missjoni Kapuċċini, Floriana jew mill-Kunventi tal-Franġiskani Kapuċċini f'Malta u Għawdex***
***Tel: 233874 / 234949 / 225525***

***Prezz: Lm1 kull pakkett***